**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Marzu 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 238/2019 AGV :</u>**

**GC**

**Vs**

**VC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors tar-rikorrenti datat 18 ta' Ottubru 2019 fejn esponiet bir-rispett u esponiet is-segwenti :-**

1. Illi l-kontendenti zzewget fis-sittax ta' Gunju 1974, u minn daz-zwieg huma kellhom tlett itfal ,CC, PC u DC, li huma maggorenni.

2. Illi bint l-partijiet DC, twieldet b' dizabilita' kif imfissra fl-att dwar Opportunitajiet Indaqs ghal persuni, u tehtieg assistenza kontinwa.

3. Illi l-intimat dejjem warrab u qatt ma wera' interess la f' bintu Doreen u wisq anqas f'martu, izda ghazel li jghix hajtu daqs li kieku qatt ma zzewweg jew li kellu lil uliedu.

4. Illi kienet proprju r-rikorrenti li minn dejjem hadet hsieb il-bint il-partijiet, DC

5. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba ragunijiet imputtabli lil konvenut, fosthom adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, inkompatibbilita' ta' karattru u minhabba ragunijiet ohrajn gravi li huma sufficjenti fil-ligi ghall-ottjeniment ta' separazzjoni personali.

6. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

7. Illi l-intimat fixkel kull possibilita' ta' ftehim konsenswali u harbat kull possibilta' li l-kontendenti jevitaw il-Qorti.

8. Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha l-konvenut, ghas-separazzjoni personali, skont ma jirrizulta mid-Dokument A anness.

Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex ghal ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C, minhabba adulterju u jew sevizzi u jew eccessi u jew minacci u jew ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu r-rikorrenti, u jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif fuq premess, u jew minhabba ragunijiet ohra gravi li huma sufficjenti fil-ligi, ghall-ottjeniment ta' separazzjoni personali, u jew ghall-fatt li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom, mhix aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-intimat zewgha.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghal binthom D, dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-Ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja flimkien mal-ispejjez ta' sahha, u ordni ghal-hlas dirett mill-paga tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, u taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni illi jikkoncernaw lil bint il-partijiet.

4. Tordna illi kull beneficcju socjali in konnessjoni ma' bint il-partijiet, DC tinghata esklussivament lill-eccipjenti.

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita, data bhala d-data meta l-konvenut ghandu jigi kkundirat li huwa

hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut ikun tilef kull jedd ghal kull akkwist, maghmul bil-hila tar-rikorrenti, skont il-Ligi, u dan okkorrendo b' opera ta' periti nominandi, sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

7. Tordna l-allontament tal-konvenut mill-fond, numru 45, Triq Beland, Zejtun, liema fond huwa proprjeta' parafernali tar-rikorrenti, u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti.

8. Tillikwida l-pretensjonijiet parafernali kollha tar-rikorrenti kontra l-patrimonju parafernali tal-konvenut u kif ukoll kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, komprizi izda mhux limitatament ghal dawk maghmula mir-rikorrenti minn flus u assi ohra avvanzati lilha mill-genituri taghha, u tordna r-rifuzjoni tas-somom hekk likwidati jew bil-hlas taghhom mil-konvenut, jew billi tali krediti jigu kompensati fid-divizjoni tal-gid komuni mill-kontendenti.

9. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha, inkluz flus u krediti ohra u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess rikorrenti rikonvenut, ihallas il-valur tal-istess bl-opra, okkorendo, ta' periti nominandi sabiex jaffettwaw il-kalkoli necessarji f'dan ir-rigward. Tordna konsegwentament li r-rikorrenti tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali taghha.

10. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat, l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Tawtorizza lil attrici, tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku, is-sentenza, eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dak tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti, waqt is-seduti tal-medjazzjoni, kontra l-intimat, ingunt minn issa in subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, VC, datata 18 ta' Novembru 2019, fejn espona bir-rispett u eccepixxa s-segwenti :-**

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mal-ewwel zewg paragrafi tar-rikors guramentat.

2. Illi mill-bqija huwa qed jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess rikors guramentat.

3. Illi l-eccipjenti ma jeskludix il-possibilita' ta' rikonciljazzjonijiet, madankollu u dana anka jekk huwa jsostni li z-zwieg tieghu mar-rikorrenti, wasal biex jitkisser minhabba htijiet u tortijiet imputabbli lil istess rikorrenti.

**<u>FATTI</u>**

1. Il-partijiet kienu ltaqghu l-Belt u ghall-bidu r-relazzjoni bejniethom kienet tajba. Imbaghad l-attrici kienet harget tqila bit-tifla taghhom D.Meta sar jaf missierha kien irrabjat hafna u sabiex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni hi u l-konvenut kienu ddecidew li jmorru jghixu l-Inghilterra. Meta twieldet D, twieldet b'dizabilita' u tghid li minn hemm bdiet tinduna li l-konvenut kellu karattru egoist. Ma kienx jiddedika l-hin lill-familja u kien iqatta' hafna hin barra mal-hbieb Lanqas ma kien ighinha finanzjarjament hafna drabi u kien minflok jippreferi jilghab loghob tal-azzard.

L-attrici tammetti li dawn l-atteggjamenti tal-konvenut kienu jurtawha hafna, izda kienet tibqa' siekta sabiex ma tfarrakx familja. Pero' l-konvenut ma nbiddilx, ghax sadanittant kienet harget tqila b'zewgt itfal ohra u baqa' riluttanti biex jikkontribwixxi ghat-trobbija ta' uliedu u kien beda jzid ir-relazzjonijjiet ma' nisa ohra.

Wara seba' snin l-Inghilterra gew Malta u marru joqoghdu gewwa post li kienet wirtet l-attrici bl-indirizz 45, Beland Str, Zejtun u l-konvenut kien beda jiftahar li ma kienx ighin fil-bzonnijiet tad-dar ghax kien xoghol l-attrici u kienet saret qisha skjava tieghu. Kellu diversi relazzjonijijet ohra u spicca li kellu sitt itfal ohra minn nisa differenti, izda xorta kienet tipprova terga' taghtih cans sabiex ma tkissirx familja. Madanakollu tghid li  l-konvenut ma kellux interess u kien mohhu biss fid-divertiment u jixxala.

Kien hemm okkazzjoni fejn kien qallha li sejjer l-Italja biex jara l-Papa u minflok saret taf li kien mar cruise ma' wahda R, gara taghhom. Kien imbaghad beda diehel u hiereg ghand din R bla misthija ta' xejn. Kienet ippruvat tikkonvincih li seta' jitlaq, izda kien egoist u baqa' jghix fid-dar matrimonjali.

L-attrici takkuza l-konvenut li qatt ma ddenja ruhu jghinha bit-tifla D. Hi tistqarr li ddedikat hajjitha ghal bintha u ghall-bzonnijiet taghha. Kienet tiddependi fuq il-familjari taghha sabiex tiehu lil D l-isptar. Lanqas kien jirrikonoxxi li finanzjarjament it-tifla kellha bzonn iktar milli hutha.

Minhabba dan in-nuqqas ta' responsabbilita' l-attrici kellha tiftah dawn il-proceduri u titlob li jkollha iktar manteniment mit-€300 li jghaddilha fix-xahar, kif ukoll li l-istess konvenut jitlaq mid-dar.

2. Il-konvenut ikkonferma li kienet l-attrici li kienet tiehu hsieb it-tifla D, izda jghid li qatt ma mar l-isptar maghha, peress li l-attrici qatt ma riditu jmur maghha u dejjem marret m'ohtha.

Jikkonferma ukoll li apparti l-beneficcji socjali kien jircievi ftit iktar minn mitt sterlina Ingliza fix-xahar mill-pensjoni Ingliza.[1]

Jikkonferma ukoll li kien mar cruise ma' Hamilton Travel. Kienu grupp shih, pero' hu kien tela' ma' xi tlieta jew erbat ihbieb li kien sar jaf mil-*line dancing*. Ighid li ma kienx avza lill-attrici li kien ser imur cruise, kien qabad u telaq. Minn hawn bdiet timrad martu jghid.

Jispjega li l-hajja mizzewwga taghhom kienet tajba ghal ewwel erba' snin, imbaghad bdiet titkisser. Jichad li kellu relazzjoni ma' haddiehor kif tallega l-attrici.

Illum ighid li l-attrici u binthom D qed ighixu f' Casa Novo, Rahal Gdid u jghid li jmur jarahom tlett darbiet fil-gimgha. Dwar it-tifla D ighid li din tircievi pensjoni ta' €740 fix-xahar u generalment ibnu jsarraf dan il-cekk mhux hu. Il-flus izommhom it-tifel u izid ighid ukoll li l-attrici hadet maghha €5, 000 li kienet izzomm fil-kexxun.

[1] Dok. VC 1

Jikkonferma li kien ighaddi manteniment lill-attrici mill-pensjoni tieghu cirka €500.

Ighid ukoll li l-attrici tbati minn mard mentali u fuq parir tat-tabib Grixti kien taha xi pilloli u kienet ukoll ghamlet zmien Mount Carmel.

Dwar id-dar matrimonjali jikkonferma li din kienet parafernali tal-mara u jishaq li f'din id-dar kien ghamel hafna spejjes hu.

3. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali esebixxa dokumentazzjoni rigward beneficcji socjali li jircievi l-konvenut.[2]

4. Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-HSBC Bank plc ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji f'isem il-konvenut:-

i. Savings account 056181167050 li ghadu miftuh;
ii. Kont ta' credit card li ghadu miftuh ;
iii. Loan account 07511192300 li huwa maghluq ;
iv. Term deposit account 002138949100 li huwa maghluq;
v. Term deposit account 002138949101 li huwa maghluq;
vi. Term deposit account 002138949102 li huwa maghluq;
vii. Kont credit card li huwa maghluq.[3]

Irrizultaw ukoll kontijiet kongunti mal-attrici li huma s-segwenti :-

[2] Dok. ST1
[3] Doks. LA 1 – LA 7

i. Savings account 056079858050 li huwa maghluq ;
ii. Loan account 075128298300 li huwa maghluq;
iii. Loan account 056079858300 li huwa maghluq.[4]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attrici qed tibbaza s-separazzjoni taghhom fuq il-fatt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u inkompatibbilita' ta' karattru.

**<u>ADULTERJU</u>**

**<u>I</u>**lli fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

***"… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun***

[4] Doks. LA 8 – LA 10

***pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

Dwar l-adulterju ghalkemm l-attrici ssemmi li tul iz-zwieg il-konvenut kellu diversi nisa u effettivament wasal biex kellu sitt itfal ohra minn barra z-zwieg. Tghid li kien mar cruise mal-gara taghhom, izda lanqas biss ma pproducietha bhala xhud.

Mill-gurisprudenza nostrana gie stabbilit li sabiex jigi ppruvat l-adulterju iridu jezistu indizji u prezunzjonijiet gravi. L-attrici ma pproducietx provi konkreti fuq in-nisa jew it-tfal li allegatament kellu minn barra z-zwieg, li juru indizji u prezunzjonijiet gravi, precizi u konkordanti li jistghu jwasslu lil dina l-Qorti tikkonkludi li gie kommess adulterju da parti tal-konvenut.

## SEVIZZI, ECCESSI, MINACCI U INGURJI GRAVI

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-***

***termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-
***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma sevizzi dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel,***

***meta hija eżagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi,

sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Il-partijiet kellhom tlett itfal, li llum huma lkoll maggorenni. D, l-ewwel wild taghhom twieldet handicapped u mill-provi jirrizulta li l-attrici minn dejjem kienet tiehu hsiebha u ddedikat hajjitha ghaliha, filwaqt li l-konvenut jammetti dan, jistqarr ukoll li l-attrici qatt ma riditu jmur maghha u kienet tippreferi tmur m'ohtha.

L-attrici tilmenta li l-konvenut qatt ma assuma r-responsabbilitajiet tieghu bhala missier u l-istess finanzjarjament ma kienx generuz mal-familja. Kien jippreferi johrog ma' hbiebu u jilghab il-loghob ta' azzard. L-attrici tghid li l-hajja bejn iz-zmien li ghamlu l-Inghilterra u z-zmien li ghamlu Malta kien l-istess, anzi Malta il-konvenut kien sar aghar. Kien mohhu biss biex jixxala u jiddeverti.

Mill-provi jirrizulta li dina kienet it-tip ta' hajja li l-partijiet kienu jghixu fejn assolutament, l-attrici kienet assumiet kwalsiasi responsabbilita' fil-konfront tal-familja taghha, tant li anke ghamlet sagrificcji u hafret lill-konvenut kemm il-darba sabiex izzomm il-familja flimkien.

Il-hajja kontinwa bit-tbatija li faccat l-attrici jwasslu ghas-sevizzi u eccessi lkoll kkagunati mill-konvenut.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Il-partijiet ghandhom verzjonijiiet kontrastanti in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' manteniment. L-attrici xehdet li l-konvenut ma tantx kien jaghti alimenti ghaliha u ghat-tfal u in partikolari ghat-tifla D. Qatt ma rrealizza li din tal-ahhar ghandha hafna bzonnijiet minhabba d-dizabilita' taghha. Imbaghad kien beda jghaddilha €300 mensilment, izda tghid li dan ma kienx bizzejjed.

Il-konvenut minn naha l-ohra jghid li kien jghaddi hames mitt Euro mill-pensjoni tieghu lill-attrici ghaliha u ghal D. Izid ighid li D tircievi €750 fix-xahar u c-cekk ighaddih lil ibnu li jsarrfu hu  u ma jafx min jiehu dawn il-flus.

Skond l-Artiklu 3B tal-Kap.6 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi obbligu ta' manteniment fuq il-genituri tat-tfal li jkunu affetti minn dizabilita':-

***"(1) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb , imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

***(2)L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skond is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skond il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragonevolement possibbli li lill-ulied: …..(b) li jkollhom dizabilita, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali."***

Huwa car, li b'din id-disposizzjoni tal-ligi, il-legislatur ried li l-obbligu tal-manteniment, f'kaz ta' ulied affetti minn dizabilita' ma huwiex cirkoskritt bl-eta', bl-uniku fattur determinant jkun it-test impost mil-ligi ta-possibilita' tal-wild li jmantni lilu nnifsu.

Inoltre, l-Artikolu 2 tal-Kap.413 tal-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b'Dizabilita' jiddefinixxi **"dizabilita'**" bhala nuqqas fiziku, mentali, intelletwali jew sensorju ghal zmien twil li flimkien ma' ostakli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tippartecipa b'mod shih u effettiv fis-socjeta' b'mod ugwali daqs l-ohrajn.

M'hemmx dubju li mill-assjem tal-provi, D ghandha problemi li li jaqghu taht id-definizzjoni kif fuq citata.

Ghalhekk il-gurisprudenza nostrana hadet triq ohra ghar-rigward obbligi ta' manteniment meta t-tfal ikun "dizabbli," izda jkunu saru maggorenni. In sostenn ta' dan dina l-Qorti se taghmel referenza ghall-gurisprudenza nostrana. Fis-sentenza **Maria Rosaria Micallef vs Alfred Micallef**[5] gie enuncjat hekk:-

[5] Appell Civili Citaz.Nru. 1340/2002 deciza 18 ta' Gunju, 2007.

***"Dan l-obbligu tal-genituri normalment jispiccaw meta l-ulied jsiru maggorenni, ghax fil-maggoranza kbira tal-kaz l-ulied issa jkunu jistghu jahsbu huma stess ghall-bzonnijiet taghhom u jfendu ghal rashom. Madankollu, ghandu jigi enfasizzat li l-ligi ma tipprovdix li l-obbligi msemmija impost fuq il-genituri a favur l-ulied jispiccaw awtomatikament bis-semplici fatt li l-ulied ikun saru tal-eta'. Invece, dan l-obbligu jibqa' fis-sehh ghal dak iz-zmien kollu li l-ulied ikunu fil-bzonn minghajr ebda htila taghhom u indipendentement mir-rieda taghhom nonostante li jkunu saru maggorenni (ara f'dan is-sens, fost sentenzi ohra, dawk pronunzjati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1960 u t-28 ta' Ottubru, 1960 fl-ismijiet rispettivi Carmela Bugeja vs Felecita Bugeja et u Professur Tabib Joseph Galea noe vs William Spalding). Dawn is-sentenzi kienu jikkoncernaaw l-obbligu tal-genituri li jfornu alimenti lill-uliedhom maggorenni fic-cirkostanzi spjegati fuqhom. Irid jinghad li fil-kuncett tal-manteniment ma jidhlux biss l-ikel u l-ilbies u l-ispejjez ghall-kura medika u medicinali izda ukoll il-provista tal-abitazzjoni. Dan hu specifikatament indikat fl-Artikolu 19 li jghid hekk fl-ewwel subartikolu tieghu:***

***"Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni."***

Dak li gie enuncjat fis-sentenza **Professur Tabib Joseph Galea vs William Spalding**[6] ghandu jinghata l-importanza mehtiega:-

***"Illi l-obbligu alimentari ma jispiccaw bil-fatt li l-persuna li jkollha dritt ghall-alimenti tkun saret maggorenni; ghaliex dan l-obbligu hu bazat fuq il-bzonn, li jista' jirrikorri fi kwalunkwe zmien tal-hajja tal-bniedem.***

[6] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-28 ta' Ottubru, 1960

***Veru illi b'gheluq tmintax-il sena tikber izjed il-kapacita' ghax-xoghol fl-alimenti, izda dan ma jgibx necessarjament u dejjem li hu jkun hekk kapaci u li huwa jsib dan ix-xoghol. "Bisogno pensare." Josserva l-Avukat Caberlotto, "che non bastano la capacita' di lavorare e la buona volonta' di farlo; bisogna trovar da lavorare, e cio' non avviene cosi presto……sarebbe ingiusto, irragionevole ed inumano il negare gli alimenti a colui che cerca lavoro ma non ne trova. Sara' temporaneo l'assegno, ma dev'essere accordato" (Digesto Italiano, voce alimenti§ 119)."***

**L-Avukat Caberlotto, fuq il-monografija tieghu fuq l-"Alimenti," josserva:-** ***"Abbiamo fin qui alluso di preferenza ai figli minori; ma cio' non vuol dire punto che sia regola di diritto che col cessare dell'eta' minore cessi pure nei genitori l'obbligo alimentare. No. Puo' dirsi bensi' in via generale ed ordinaria che quest'obbligo sussiste fino a che i figli sono in eta' da poter provvedere da se' medesimi al proprio mantenimento; ma conviene altresi' aggiungere che, anche posteriormente a questa eta', se i figli si trovino tuttavia in istato di bisogno per cause indipendenti dalla loro volonta', l'obbligo dei genitori continua."*** [7]

**F'dan is-sens hija ukoll il-gurisprudenza nostrana; din il-Qorti, fil-kawza "Schembri utrinque," deciza fl-10 ta' Novembru 1877, hekk marret tikkummenta:-**

***"Il senso di questa disposizione di legge*** **(Artiklu 3B tal-Kodici Civili)** ***(sottolinear tal-Qorti) non puo' mai essere quello che alle persone***

[7] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.

***invalide per l'eta', malattia fisica o mentale, o che per qualunque altra cause fossero inabili al lavoro, siano dovuti gli alimenti, e che a tutt'altre persone quali fossero atte a qualche lavoro o capaci all'esercizio di qualche professione, arte u mestiere, si debbano gli alimenti negare non ostante che per circostanze indipendenti dalla loro volonta', dalla loro industria e dalla loro attivita', non trovino occasione di trarre profitto dal loro lavoro industriale."***[8]

Mill-provi jirrizulta li D tghix m'ommha gewwa Istitut u ghandha dipendenza totali fuq ommha u ghalhekk huwa impossibli ghaliha li tahdem u ghall-attrici li taghmel l-istess.

Ghalhekk dina l-Qorti se jkollha taqbel li peress li D ghadha tghix m'ommha u fejn il-bzonnijiet taghha jmorru oltre l-bzonnijiet bazici ta' minuri jisthoqq li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha.

Il-Qorti issa trid tasal biex tikkwantifika l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas lill-attrici ghal D.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-fatt li D tircievi l-pensjoni ta' dizabilita', ma jonqosx li ghandha hafna bzonnijiet u ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jhallas manteniment fis-somma ta' €450 ghall-attrici u bintu D.

[8] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.

**ASSI**

Id-dar matrimonjali 45, Triq il-Beland, Zejtun hija parafernali ghall-attrici u dan huwa kkonfermat mill-partijiet. Ghalkemm il-konvenut spjega li hu hallas ghal diversi spejjes f'din id-dar ma gab provi in sostenn taghhom.

Jirrizulta li l-unici assi li hemm huma l-kontijiet bankarji u kwalsiasi ammonti fl-istess kontjiet ghandhom jinqassmu bejn il-partjiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u dan minhabba tort imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' sevizzi u eccessi.

2. Tilqa' t-tieni talba.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna li l-konvenut ihallas il-manteniment kif fuq imfisser.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba.

6. Tilqa' s-sitt talba u tillikwida u tassenja l-assi kif fuq imfissra.

7. Tilqa' s-seba' talba u tordna li l-konvenut jallontana ruhu mid-dar matrimonjali fi zmien gimaghtejn mid-data ta' dina s-sentenza.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici sa fejn applikabbli.

9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici sa fejn applikabbli.

10. Tichad l-ghaxar talba attrici.

11. Tilqa’ l-hdax il-talba attrici.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**